

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Sejħa għall-proposti 2012 – Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili – Eżerċizzji tal-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili**

(2012/C 147/04)

1. Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili, qed tnedi sejħa għall-proposti bil-għan li tidentifika proposti relatati ma' eżerċizzji li jistgħu jkunu eliġibbli għal sostenn finanzjarju fil-qafas tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/162/KE, Euratom (1), li tistabbilixxi Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili, adottata fil-5 ta' Marzu 2007, u skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom (2), li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili (imfassla mill-ġdid), adottata fit-8 ta' Novembru 2007. Dan is-sostenn finanzjarju se jingħata f'forma ta' għotjiet.

2. L-oqsma kkonċernati, in-natura u l-kontenut tal-proposti u l-kundizzjonijiet għall-finanzjament huma elenkati fil-Gwida tal-Applikazzjoni għall-Għotja rilevanti, li fiha wkoll struzzjonijiet dettaljati dwar fejn u meta wieħed jista' jressaq proposta. Il-Gwida tal-Applikazzjoni għall-Għotja, kif ukoll il-formoli ta' applikazzjoni għal għotja rilevanti jistgħu jitniżżlu mill-websajt Europa f'dan l-indirizz:

[http://ec.europa.eu/echo/funding/opportunities/proposals\\_en.htm](http://ec.europa.eu/echo/funding/opportunities/proposals_en.htm)

3. Il-proposti għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni fl-indirizz muri fil-Gwida tal-Applikazzjoni għall-Għotja **sas-16 ta' Lulju 2012**. Il-proposti jridu jintbagħtu bil-posta jew permezz ta' servizz privat ta' distribuzzjoni mhux aktar tard **mis-16 ta' Lulju 2012** (il-prova tkun tikkonsisti mid-data tal-impustar, it-timbru tal-posta jew id-data fuq iċ-ċertifikat tal-impustar). Jistgħu wkoll jitwasslu bl-idejn fl-indirizz speċifiku indikat fil-Gwida tal-Applikazzjoni għall-Għotja, mhux aktar tard **mis-16 ta' Lulju 2012 fil-17.00** (il-prova tkun il-konferma tal-wasla, iddatata u ffirmata mill-uffiċjal responsabbli).

Il-proposti mibgħuta bil-faks, bil-posta elettronika, applikazzjonijiet mhux kompluti, jew applikazzjonijiet mibgħuta f'diversi partijiet, ma jiġux aċċettati.

4. Il-proċedura biex jingħataw l-għotjiet hija skedata kif ġej:

- wasla, reġistrazzjoni u konferma tal-wasla mill-Kummissjoni,
- valutazzjoni tal-proposti mill-Kummissjoni,
- deċiżjoni tal-għoti u notifika tar-riżultat lill-applikanti.

Il-benefiċjarji jintgħażlu fuq il-bażi tal-kriterji stipulati fil-Gwida tal-Applikazzjoni għall-Għotja u fil-limiti tal-baġit disponibbli.

Fl-eventwalità ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni, jiġi konkluż ftehim biex tingħata għotja bejn il-Kummissjoni u l-parti li tressaq il-proposta.

Il-proċedura hija strettament kunfidenzjali.